MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 69/2011

Fatiha **Khallouf**

**vs**

**Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tal-imsemmija rikorrenti Fatiha Khallouf fejn gie premess:-

Illi b'ittra tat-2 ta' Mejju, 2011 il-Ministru responsabbli mic-cittadinanza irrevoka u hassar ic-cittadinanza tal-esponenti u dan skont il-Kap 188 b'effett immedjat. Illi hija kienet akkwistat ic-cittadinanza qabel is-sena 2000 meta l-Kap 188 gie emendat. Din il-kancellazzjoni tac-cittadinanza hija ntiza biex hija titkecca eventwalment minn Malta. Fil-fatt hija kienet hadet ic-cittadinanza fl-24 ta' Lulju, 1996 wara li rrinunzjat ghac-cittadinanza Marokkina taghha u ikkonsenjat il-passaport u l-istess passaport intbaghat lill-Ambaxxata Marokkina f'Ruma. Din it-tnehhija hija prijordinata ghat-tkeccija taghha meta hija fil-fatt hija cittadina ta' Malta u unikament ta' dan il-pajjiz.

Ilment taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

Id-dritt tac-cittadinanza huwa parti mill-hajja privata tal-persuna. F'dan il-kaz Fatiha Khallouf ilha Malta ghal dawn is-snin kollha u wara z-zwieg taghha illi gie annullat fis-sena 2000 bi htija tal-parti l-ohra, kienet kisbet ic-cittadinanza Maltija u kellha tirrinunzja u giet accettata tali rinunzja mill-Gvern Malti. Fiz-zmien rilevanti ma kienx hawn ic-cittadinanza doppja u ghalhekk biex inghatat ic-cittadinanza hija ma setghetx ikollha cittadinanza ta' pajjiz iehor. Ghamlet il-procedura ta' rinunzja u hadet il-gurament u ikkonsenjat il-passaport taghha li intbaghat fl-Ambaxxata Marokkina ta' Ruma. Il-Ministru responsabbli ddikjara fl-ordni tieghu illi Fatiha Khallouf kienet kisbet ir-registrazzjoni bi frodi. Din hija assolutament negata ghaliex ghalkemm kien hemm diffikultajiet fiz-zwieg u hi kellha diffikultajiet personali, t-tkissir taz-zwieg kien kif jirrizulta marbut ma' mgieba da parti ta' zewgha.

Minn dak iz-zmien sal-lum, anke parti minnha in detenzjoni, hija ghexet Malta u tqis Malta bhala l-pajjiz taghha. L-aspett tac-cittadinanza gie kkunsidrat mill-Qorti Ewropea anke ricentement fil-kaz Kuris and others versus Slovenia deciz fit-13 ta' Lulju, 2010. Ghandu jinghad illi din is-sentenza giet riferita l-Grand Chamber.

Fis-sentenza citata huma rilevanti l-paragrafi 351 u 352 fejn fl-ewwel wiehed jinghad illi biex ikun hemm interferenza da parti tal-istat skont l-Artikolu 8, din trid tkun (a) in accordance with the law (b) pursuits one or more legitimate aims under the second paragraph of that Article and (c) is necessary in democratic society in order to achieve them. Fil-paragrafu 352 jinghad illi l-Artikolu 8 barra l-family life hemm ukoll il-private life tal-persuna "regardless of the existance or otherwise of a family life, therefore the Court considers that the expulsion of a settled migrant constitutes interference with his or her right to respect for private life".

L-ewwel kriterju tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja hija illi l-interferenza trid issir according to law.

Ghala mhux according to law?

(1) Vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni.

Hija kisbet ic-cittadinanza taghha taht il-provedimenti kostituzzjonali illi kienu gew introdotti bl-Att XXIII tas-sena 1989 illi ghall-konvenjenza qed jigu riprodotti

4. Minflok l-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni ghandu jidhol dan li gej:

26. (1) Kull persuna li fi jew wara l-gurnata stabbilita tizzewweg lil xi hadd li jkun jew li jsir cittadin ta' malta jkollha d-dritt, wara li taghmel applikazzjoni b'dak il-mod

kif jista' jkun preskritt u wara li tiehu l-gurament ta' lealta', tkun registrata bhala cittadin ta' Malta.

(2) B'sehh mill-1 ta' Awissu, 1989, hadd ma jkollu jedd jigi registrat bhala cittadin ta' Malta bis-sahha ta' dan l-artikolu hlief jekk:

(a) Il-Ministru jkun sodisfatt li l-ghoti tac-cittadinanza lil dik il-persuna ma jmurx kontra l-interess pubbliku; u

(b) fid-data ta' l-applikazzjoni taghha dik il-persuna kienet ghadha mizzewga ma' cittadin ta' Malta, jew tkun l-armla jew l-armel ta' persuna li kienet cittadin ta' Malta filwaqt tal-mewt tieghu jew taghha."

Minn dan jidher car li l-esponenti kull ma kellha taghmel kien li tippresenta c-certifikat taz-zwieg u turi li fil-mument tal-applikazzjoni kienet mizzewga Malti, u l-Ministru jkun sodisfatt skond Art 26(2)(a). Id-dikjarazzjoni taghha kienet fil-fatt il-presentata tac-certifikat taz-zwieg. (ghandu jinghad li ma hemm l-ebda ligi li taghti poter lill-Ministru li jirrevoka cittadinanza ghax ikun hemm l-annullament taz-zwieg.

Id-dritt kostituzzjonali johloq dritt vestit.

(2) Vjolazzjoni tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni

Gie kwotat l-Artikolu 14 tal-Kap 188 fejn jinghad illi jekk il-Ministru jkun sodisfatt illi r-registrazzjoni ttiehdet bi frodi jew b'rapprezentazzjoni ta' fatti foloz jew ta' habi ta' fatt materjali jista' jikkancella tali cittadinanza.

Ghandu jinghad illi t-tlett ipotesijiet jikkostitwixxu reat penali u skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni hadd ma jista' jinstab hati ta' reat kriminali jekk mhux minn Qorti imparzjali u independenti. Il-fatt illi awtorita' pubblika tqis illi xi hadd ghamel frodi jew inkella falsifikazzjoni ideologika previst fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, tali dikjarazzjoni tal-awtorita' pubblika tivvjola l-Artikolu 6(2) tal-istess Konvenzjoni peress illi tmur kontra l-prezunzjoni tal-innocenza. L-Artikolu 188 tal-Kodici Civili jaghmilha cara illi min ghal qliegh tieghu jew ta' haddiehor, f'dokument illi hu mahsub ghall-awtorita' pubblika, jaghmel dikjarazzjoni falza jew jaghti infomazzjoni falza, jehel il-habs sa sentejn. Hawn l-awtorita' pubblika (il-Ministru) qed taghmel gudizzju penali minghajr process.

Illi Ministru jkun tal-opinjoni u jiddikjara illi xi hadd ghamel frodi, qieghed jarroga lilu nnifsu l-poter ta’ Qorti Kriminali li skont il-Kostituzzjoni trid tkun Qorti imparzjali u indipendenti.

Ghalhekk id-decizjoni tal-Ministru u inkluz l-Artikolu 14 illi fuqu jistrieh huwa in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Illum ghandu jinghad illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa parti mil-ligi Maltija fil-Kap 319 jigifieri jikser ukoll l-Kap 319 tal-ligijiet ta’ Malta.

(3) Kontra l-Kap 188

Il-Kap 188 “Maltese Citizenship Act” fl-Artikolu 27(2) jghid “dan l-Att m’ghandux japplika ghar-rigward ta’ <u>xi applikazzjoni ghar-registrazzjoni bhala cittadin ta’ Malta li tkun giet prezentata qabel il-15 ta’ Awissu, 1999”</u>

L-applikazzjoni tal-esponenti u l-accettazzjoni taghha saret fl-24 ta’ Lulju, 1996. Tlett snin u tnejn u ghoxrin gurnata qabel il-15 ta’ Awissu, 1999.

Issa l-allegata frodi jew qerq, rapprezentanza falza jew il-habi ta’ xi fatt sostanzjali, necessarjament saru mal-applikazzjoni. Wara l-esponenti ma ghamlet l-ebda dikjarazzjoni ohra illi fiha seta’ jinghad illi kien hemm qerq, rapprezentanza falza jew il-habi ta’ xi fatt sostanzjali.

Issa l-ligi stess teskludi dawk l-applikazzjonijiet kollha illi saru qabel l-1999.

Mela jekk ma japplikaz l-Att kollu, lanqas l-Artikolu 14 tieghu ma japplika. Ghalhekk ma jistax jinghad illi l-interferenza saret according to law u dan sa fejn tasal il-ligi Maltija. Ghax hemm izjed hekk.

(4) Telf tad-dritt ta’ azzjoni jew preskrizzjoni tal-azzjoni.

“According to law” tinkludi wkoll jekk l-interferenza saritx fiz-zmien li timponi l-ligi. Il-ligi specjali (apparti kull kwestjoni ohra) ma taghmilx terminu, imma hawn japplikaw r-regoli generali. Hi giet akkuzata mill-Ministru, u kundannata ta’ frodi fl-applikazzjoni.

Huwa principju risaput illi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni fejn ikun hemm ukoll reat kriminali tapplika ghaliha l-preskrizzjoni tar-reat kriminali.

Apparti kull kwistjoni fuq il-Kap 188 u l-kwistjoni dwar l-applikabilita tieghu ghall-kaz prezenti, fl-Artikolu 23(1) tieghu jghid illi “kull min

sabiex jipprokura xi haga issir jew ma ssirx skond dan l-att, jaghmel xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hija falza f'dettall sostanzjali jew bi traskuragni kbira jaghmel xi dikjarazzjoni li tkun falza f'dettall sostanzjali jkun hati ta' reat u jehel meta jinstab hati prigunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur u multa...."

L-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali jghid illi r-reati li jkollhom piena ta' anqas minn sena huma preskritti bi zmien sentejn.

L-Artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali jghid illi "ghar-reati ikkunsmati, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni."

Mela d-decizjoni ma saritx skond il-ligi u fit-terminu tal-ligi.

(5) Ligi tal-Unjoni Ewropea.

Pero' dan m'huwiex bizzejjed. Illum barra l-ligi Maltija, hemm ukoll il-ligi tal-Unjoni Ewropeja. Cittadin Malti huwa awtomatikament cittadin tal-Unjoni Ewropeja. Ghalhekk meta l-Ministru kien qieghed jikkancella c-cittadinanza taghha, jrid josserva wkoll dak illi tghid il-ligi tal-Unjoni. Jekk jikser dik il-ligi wkoll ma jkunx qieghed according to law. In sostenn ta' dann, l-esponenti qieghed jaghmel riferenza ghal dawn il-kazijiet decizi mill-European Courts of Justice tal-Lussemburgu.

Mill-qasam tal-Unjoni Ewropeja ghandu jinghad illi l-privazzjoni tac-cittadinanza trid ukoll tirrispetta d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta' dak li jkun sar cittadin taht ir-regim kif kien jezisti f'dak il-mument tal-akkwist tac-cittadinanza.

Fil-kaz "Kunqian Catherine Zhu and Man Lavette Chen v Secretary of State for the Home Department" (deciz mill-Court of Justice 19/10/2004) kien hemm kwestjoni dwar nazzjonalita' akkwizita b'makkinazzjoni u furbizja, u bl-iskop li tarbija tikseb nazzjonalita'. Il-gvern Ingliz ipprova jghid li dan kien abbuz u qerq.

Il-Qorti tal-Gustizzja tal-Lussemburgu qalet hekk:- "34. The United Kingdom Government contends, finally, that the appellants in the main proceedings are not entitled to rely on the Community provisions in question because Mrs Chen's move to Northern Ireland with the aim of having her child acquire the nationality of another Member State constitutes an attempt improperly to exploit the provisions are not, in its view, served where a national of a non-member country wishing to reside in a Member State, without however moving or wishing to move from one Member State to another, arranges matters in such a way as to give birth to a child in a part of the host Member State to which another Member State applies its rules governing acquisition of nationality jure

soli. It is, in their view, settled case-law that Member States are entitled to take measure to prevent individuals from improperly taking advantage of provisions of Community law or from attempting, under cover of the rights ceated by the Treaty, illegally to circumvent national legislation. That rule, which is in conformity with the principle that rights must not be abused, was in their view reaffirmed by the Court in its judgement in Case C-212/97 Centros [1999] ECR I-1459. 35. That argument must also be rejected."

Jekk il-gurisprudenza ta' Strasbourg tista' torbot jew ma torbotx, kultant skond il-burdati, dik ta' Lussemburgu torbot. U kif!

Principju mportanti li johrog mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja huwa l-proporzjonalita'.

L-aktar case ricenti kien f'Marzu, 2010, il-kaz Rottman. Dan kien cittadin awstrijak, kien imfittex fuq frodi, u biex jiskappa, gie naturalizzat Germaniz. Minhabba f'hekk, u cioe' qerq u habi fl-applikazzjoni, riedu jnehhulu c-cittadinanza. Il-Qorti qalet li dan seta' jsir basta tinzamm il-proporzjonalita'. Fuq jekk kienx proporzjonali jew le, irriservat, ghaliex il-kwestjoni kienet ghadha pendenti quddiem il-qrati nazzjonali.

Ghalhekk dan l-element li ma jissemmiex fil-kuntest Malti, ma jistax jintesa' fil-kuntest Ewropew tal-Unjoni.

(6) Stateless.

L-esponenti se tigi reza stateless u dan kontra kull dritt internazzjonali u dritt anke Malti. Hija ma tistax tirriverti ghac-cittadinanza tal-origini, u ghalhekk tigi stateless.

L-eccezzjonijiet permessi mill-Art 8.

L-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni jaghti margni lill-Istati li jaghmlu interferenza imma barra li trid tkun skond il-ligi trid tilhaq l-iskopijiet u fil-parametri stabbiliti. L-ebda wahda mill-eccezzjonijiet ma hi applikabbli ghall-kaz in ezami.

Ghalhekk hemm vjolazzjoni tal-Artiklu 8.

Vjolazzjoni potenzjali tal-Art 3 tar-Raba Protokoll

L-esponenti li tikkontendi li ghadha cittadina Maltija. Naturalment hija titkecca minn Malta appena ttemm il-piena li qed tiskonta.

Dan hu potenzjali ghalissa imma hu reali wkoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qed titlob li din il-Qorti (1) tiddikjara li hemm vjolazzjoni tal-Art 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan ghar-ragunijiet premessi (2) konsegwentement thassar l-ordni tal-Ministru intimat (3) tiddikjara wkoll li kull tentattiv ta' tkeccija tar-rikorrenti jmur kontra l-Art 3 tar-Raba Protokoll (4) taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni, inkluzi rimedji temporanji u interlokutorji halli tipprevjeni u tissana l-vjolazzjonijiet lamentati (5) taghti kumpens morali lill-esponenti, u l-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Avukat Generali fejn gie sottomess:-

Illi l-lanjanza maghmula fir-rikors promotur hija fis-sens illi l-ordni tad-deprivazzjoni mic-cittadinanza Maltija tar-rikorrenti allegatament tilledi l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll li kull tentattiv ta' tkeccija tar-rikorrenti jmur kontra l-Artikolu 3 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropea.

L-esponenti jissottomettu illi l-agir ta' l-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti huwa wiehed ghal kollox legittimu. Id-decizjoni mehuda mill-esponenti hija wahda fit-termini ta' l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta) u wara decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2000 li ddikjarat iz-zwieg bejn ir-rikorrenti u Fortunato Mangion bhala wiehed null u bla effett legali wara li rrizulta li l-unika raguni ghala r-rikorrent izzewwget kien sabiex tkun tista' tibqa' Malta biex tahdem.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi in linea preliminari, l-ghoti jew it-tnehhija tac-cittadinanza ta' persuni ma tiffigurax fil-mansjonijiet u r-responsabilitajiet ta' l-Avukat Generali li konsegwentement mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), l-intimat l-iehor jista adegwatament jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Ebda ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi in kwantu r-rikorrenti qed tilmenta illi bit-tnehhija tac-cittadinanza Maltija hija ser issofri ksur tad-drittijiet taghha kif protetti bl-Artikolu 8, jigi rilevat illi l-ghoti jew it-tnehhija tac-cittadinanza mhuwiex dritt li

johrog mill-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma jistax jigi nvokat ghall-kaz odjern.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit illi l-obbligu ta' l-Istat huwa li jirrispetta d-dritt ghall-hajja familjari u mhux li jikkoncedi d-dritt lil xi persuna li tistabilixxi jew li tkompli hajja familjari f'gurisdizzjoni partikolari jew li tinghata jew izzomm cittadinanza ta' l-Istat in kwistjoni.

Illi l-Konvenzjoni lanqas ma tipprotegi d-dritt ta' persuna li tghix fi Stat Membru partikolari. B'hekk ir-rikorrenti ma ghandha ebda raguni valida taht il-Konvenzjoni sabiex tippretendi dritt ta' 'family life' hawn Malta.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 8 jipprotegi hajja familjari ezistenti . F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. UK deciza mill-Qorti Ewropeja fejn gie ritenut illi ''The existence of a family is a precondition for the application of Article 8'.

L-esponenti jissottomettu illi l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija ppromulgat permezz ta' l-Att XXX ta' l-1965 kien ippromulgat sabiex jimplimenta u jikkomplimenta dawk l-Artikoli fil-Kostituzzjoni relattivi ghall-materja ta' cittadinanza. Illi ghall-kuntrarju ta' dak li qed tallega r-rikorrenti, il-privazzjoni mic-Cittadinanza Maltija kienet tezisti fl-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija sa mill-promulgazzjoni ta' l-istess Att. Illi wahda mir-ragunijiet il-ghala r-rikorrenti giet privata mic-cittadinanza kienet stante illi kisbet ic-cittadinanza permezz ta' qerq meta kkuntrattat zwieg ta' konvenjenza.

Illi in kwantu l-allegazzjoni tar-rikorrenti li kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometu illi dawn l-artikoli huma inapplikabbli stane li materja li tirrigwarda l-ghoti jew it-tnehhija ta' cittadinanza hija kwisjtoni ta' dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala 'dritt jew obbligu civili' ghal finijiet ta' l-istess Artikoli kif jirrizulta ampjament mill-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi in kwantu l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-Artikolu 27 (2) ta' l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija jeskludi l-applikazzjoni ta' l-istess Att, l-esponenti jissottometu illi l-Artikolu 27 (2) jitratta applikazzjonijiet pendenti u mhux registrazzjoni. Dan is-subinciz kien gie introdott sabiex dawk l-applikazzjonijiet li kienu gew ipprezentati qabel il-15 ta' Awissu 1999 jigu ipprocessati skont il-Kostituzzjoni u dan sabiex l-emenda relattiva ghall-kundizzjoni tal-hames snin ma tkunx applikabbli ghal tali applikazzjonijiet. Gialadarba r-registrazzjoni tar-rikorrenti saret fis-sena

1996 allura l-Artikolu 27 (2) tal-Kapitolu 188 ma jibqax applikabbli stante li dan l-artikolu jitratta specifikatament l-applikazzjonijiet.

Illi in kwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-azzjoni hija wahda preskritta, l-esponenti jissottomettu illi kwistjonijiet ta’ cittadinanza huma kwistjonijiet ta’ dritt pubbliku u l-preskrizzjoni applikabbli fil-kamp kriminali li qed taghmel referenza ghaliha r-rikorrenti hija inapplikabbli ghall-kaz odjern.

Illi in kwantu ghar-riferenza li taghmel ir-rikorrenti ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja, l-esponenti jissottomettu illi l-kaz citat mir-rikorrenti mhux rilevanti ghall-kaz odjern. In fatti dak il-kaz kien jitratta persuni li kienu weldu tarbija fi Stat Membru u li per konsegwenza kienu hadu vantagg tal-ligi ta’ dak l-Istat Membru. B’differenza ghal dak il-kaz, fil-kaz odjern, ir-rikorrenti kisret il-ligi meta kkuntrattat zwieg ta’ konvenjenza u ghalhekk il-paragun li qed tipprova taghmel ir-rikorrenti ma jregix. Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni li kieku z-zwieg tar-rikorrenti kien wiehed genwin.

Illi in kwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti illi hija ser tigi apolidi, l-esponenti jissottomettu illi l-istess rikorrenti ma gabet l-ebda prova quddiem il-Kumitat ta’ Inkejsta sabiex tipprova dan il-fatt. Tant hu hekk illi quddiem l-istess Kumitat, ingabet prova mill-esponenti illi r-rikorrenti ma tilfitx ic-cittadinanza Marokkina.

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur ta’ dan l-Artikolu.

Ebda vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 3 tar-Raba Protokoll.

L-esponenti jissottomettu illi l-Artikolu 3 tar-Raba Protokoll jipprotegi cittadin milli jigi espuls mit-territorju ta’ l-Istat tal-pajjiz li tieghu huwa cittadin. L-esponenti jecepixxu l-inapplikabilita’ ta’ dan l-Artikolu stante illi t-tnehhija ta’ cittadinanza mhix sinonima ma’ espulsjoni.

L-esponenti jissottomettu illi l-kaz odjern ma jikkoncernax ordni ta’ tnehhija (removal order) izda tnehhija ta’ cittadinanza. L-esponenti jissottometti illi t-tnehhija ta’ cittadinanza ma ggibx maghha awtomatikament it-tnehhija minn Malta tar-rikorrent kif qed tipprova jargumenta r-rikorrent. Persuna minn pajjiz terz tista’ tirrisjedi Malta jekk tissodisfa certu kundizzjonijiet. In fatti r-rikorrenti tista’ japplika mal-awtoritajiet kompetenti sabiex ikun jista’ jigi kunsidrat ghall-ghoti ta’ permess ta’ residenza f’Malta.

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur ta’ dan l-Artikolu.

Bl-ispejjez.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit tad-Direttur tad-Dipartiment tac-Cttadinamza u Expatriate Afairs prodott mill-intimati.

Semghat lir-rikorrenti u lix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota responsiva tal-intimati.

Rat il-verbal tas-seduti tat-30 ta’ Mejju 2013 u tal-10 ta’ Ottubru 2013.

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti.

Rat li r-rikors gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta’ fatt**

Fit-8 ta’ April 1996, ir-rikorrenti Fatiha Khallouf, cittadina Marokkina, zzewget lil Fortunato Mangion ċittadin Malti.

Fil-11 ta’ April 1996, għab-bażi ta’ dan iż-zwieg l-istess rikorrenti applikat sabiex tigi registrata bhala cittadina Maltija. In effett Fatiha Khallouf giet registrata bhala cittadina Maltija b’effett mill-24 ta’ Lulju 1996.

Kif jirrizulta mid-dokument fol.74 il-passaport marokkin intbaghat lill-Ambaxxata tal-Marokk gewwa Ruma in vista tal-fatt li r-rikorrenti kienet saret cittadina ta’ Malta. Jirrizulta li sabiex hadet ic-cittadinanza ta’ Malta hi kellha tirrinunzia ghal dik Marokkina.

Jirrizulta li r-rikorrenti u l-imsemmi ragel taghha, Fortunato Mangion, isseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni tal-21 ta’ Ottubru 1997 fl-Atti tan-Nutar Dr Nathalie Pace Asciak (vide l-annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid ta’ Marcel iben Fatiha Khallouf Dok.JM 4).

Fis-17 ta’ Lulju 1998, ir-rikorrenti kellha tarbija minn relazzjoni ma’ certu Mohammed Ahmad kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv ghall-imsemmi binha cioe’ l-minuri bl-isem ta’ Marcel.
Permezz ta’ sentenza tal-20 ta’ Ottubru 2000 (fol.32), iz-zwieg bejn Fatiha Khallouf u Fortunato Mangion gie annullat.

Illi fis-sena 2001 l-awtoritajiet Taljani talbu l-estradizzjoni ta' Fatiha Khallouf peress illi hija kienet akkuzata b'komplicita' fi traffikar ta' immigranti ipprojbiti lejn l-Italja. Effettivament ir-rikorrenti giet estradita f'Settembru 2002.

Fit-30 ta' Gunju 2003, il-Qorti tal-Appell ta' Ragusa ikkonfermat sentenza tal-15 ta' April 2003 u b'hekk ir-rikorrenti giet ikkundannata ghall-piena ta' prigunerija ta' aktar minn sena kif ukoll ghall-piena pekunjarja. Wara li r-rikorrenti skontat l-imsemmija sentenza, hi giet akkuzata quddiem il-Qrati Maltin b'importazzjoni ta circa kilo u nofs droga eroina minn Tunes. Ir-rikorrenti nstabet li kienet hatja tal-imsemmija akkuza u b'hekk giet ikkundannata tiskonta perjodu ta' prigunerija u giet ukoll ordnata thallas piena pekunjarja, u dan b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Mejju 2006.

Inoltre jirrizulta li d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza baghat jinforma lir-rikorenti (Dok.JM 9 – fol.53) permezz ta' ittra tad-19 ta' Frar 2010 illi l-Ministru kompetenti kien ser jipprivaha mic-cittadinanza Maltija stante li kienet ottjeniet ic-cittadinanza bi frodi.

Ir-rikorrenti talbet sabiex issir inkjesta skond l-Artikolu 14(4) ta' l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija, liema inkjesta inghalqet bil-Bord relattiv jirrikmanda lill-Ministru kompetenti li r-rikorrenti kellha tigi privata mic-cittatidinanza. Fil-fatt hija giet, fit-2 ta' Mejju 2011, privata mic-cittadinanza Maltija (vide Dokument JM9). Fl-ordni relattiv gie indikat illi tali privazzjoni kienet qed issir abbazi tal-provedimenti tal-artikolu 14(1) tal-Kapitolu 188 u cioe' in vista li c-cittadinanza kienet giet ottenuta bi frodi stante li z-zwieg tar-rikorrenti ma' l-imsemmi Fortunato Mangion kien zwieg ta' konvenjenza.

**Konsiderazzjoniiet ta' ligi**

**Eccezzjoni preliminari**

Fl-eccezzjoni preliminari taghhom, l-intimati jaghmlu referenza ghall-artikolu 181B tal-Kap.12, li jitkellem dwar ir-rappresentanza ġudizzjarja tal-Gvern jew ta' organi tieghu. Skond dawn il-provedimenti l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern, li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.

Is-sub-inciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi li l-Avukat Generali ghandu jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li

minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jkunu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern.

Mit-termini stess tat-talba odjerna jirrizulta kjarament li din hi azzjoni għat-tħassir tal-imsemmija ordni ta' privazzjoni mic-cittadinanza Maltija. Ghalhekk in effett hu l-Ministru responsabbli ghall-Affarijiet Esteri jew Barranin li appuntu ghandu l-funzjoni, cioe' li jikkoncedi jew jirtira c-cittadinanza. Ghalhekk huma korretti l-intimati meta jissottomettu li f'dawn il-proceduri mhux mehtiega l-presenza ta' l-Avukat Generali bhala intimat u dan billi din it-talba tikkoncerna biss lill-intimat Ministru tal-Affarijiet Barranin. In effett l-avukat Generali kellu biss jigi notifikat bir-rikors promotur u dan kif jipprovdi s-subinciz (3) tal-istess artikolu 181B. Kwindi l-intimat Avukat Generali ma kellux jiddahhal f'dawn il-proceduri. Konsegwentement l-istess intimat Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li, in virtu' tal-imsemmija provedimenti, m'ghandux jitqies li hu l-legittimu kontradittur. In effett hu l-Ministru responsabbli ghall-Affarijiet Barranin li f'dan il-kaz ghandu jitqies li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern.

**Rikors kostituzzjonali**

Il-lanjanza tar-rikorrenti Fatiha Khallouf hi li l-imsemmija ordni ta' privazzjoni mic-cittadinanza Maltija tilliedi d-drittijiet tagħha kif protetti bil-provedimenti tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti tilmenta ukoll li kull tentattiv ta' tkeccija tar-rikorrenti minn Malta jmur kontra l-Artikolu 3 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropeja.

L-imsemmi artikolu 8 jipprovdi testwalment – "(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu; (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eserċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiz, biex jiġi evitat id-dizordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

L-imsemmi artikolu 3 jitkellem dwar il-projbizzjoni ta' tkeccija ta cittadini. Dan l-artikolu jipprovdi kif gej – "1. Ħadd ma għandu jiġi mkeċċi, minħabba jew xi mizura individwali jew xi waħda kollettiva, mit-territorju tal-Istat li jkun ċittadin tiegħu. 2. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mid-dritt li jidħol fit-territorju tal-Istat li jkun ċittadin tiegħu."

Bl-imsemmi avviz bid-data 19 ta' Frar 2010, (fol.52) ir-rikorrenti ġiet informata illi kien maħsub illi jinhareg fil-konfront taghha ordni ta' privazzjoni miċ-ċittadinanza Maltija, għab-bażi tal-Artikolu 14(1) u (2) tal-Kap 188 tal-Liġijieti ta' Malta. Issa dawn l-imsemmija artikoli

jipprovdu – '14. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' b'ordni jippriva mic-cittadinanza tieghu Maltija kull cittadin ta' Malta li jkun hekk b'registrazzjoni jew naturalizzazzjoni jekk ikun sodisfatt li r-registrazzjoni jew certifikat ta' naturalizzazzjoni kien miksub permezz ta' qerq, rapprezentanza falza jew il-habi ta' xi fatt sostanzjali; (2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' b'ordni jippriva mic-cittadinanza tieghu Maltija kull cittadin ta' Malta li jkun hekk b'registrazzjoni jew b'naturalizzazzjoni jekk ikun sodisfatt li dak ic-cittadin –...(c) ikun, eghluq seba' snin wara li jkun gie naturalizzat jew wara li jkun gie registrat bhala cittadin ta' Malta, gie kundannat f'xi pajjiz ghal piena restrittiva tal-liberta' personali ghal zmien ta' mhux anqas minn tanx-il xahar.'

Mid-dokument li jinsab fol.53, ir-rikorrenti kienet giet infurmata illi l-imsemmija privazzjoni kienet, effettivament, inħarġet għab-bażi tal-fatt illi l-istess rikorrenti kienet kisbet iċ-ċittadinanza bi frodi, in vista tal-fatt li hi kienet daħlet fi żwieġ ta' konvenjenza. In vista ta' dawn il-fatti u in vista tal-imsemmija provedimenti tal-imsemmi artikolu 14(1) jista jigi konkluz li fil-fatt l-imsemmija ordni ta' privazzjoni zgur li ma kienitx ibbazata fuq dak li jghid l-imsemmi artikolu 14(2)(c).

Hawnhekk tista ssir referenza għall-imsemmija sentenza ta' annulament taz-zwieg in kwestjoni, li giet ippronunzjata fl-20 ta' Ottubru 2000. F'din i-sentenza l-Qorti irreteniet illi 'Biex jintwera kemm dan is-suppost żwieġ ma kienx żwieġ validu xejn, huwa fil-fehma tal-Qorti suffiċjenti li jiġi kkwotat parti mix-xhieda mogħtija mill-konvenut (ir-ragel tar-rikorrenti) u parti mix-xhieda mogħtija mill-attriċi (ir-rikorrenti). Fost affarijiet oħra, fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jistqarr 'Għalhekk jien kont pront għidiltha sabiex niżżewwiġha fl-inqas żmien sabiex b'hekk ikollha post fejn toqgħod. Dan għamiltu peress li Fatiha kienet qaltli li ma setgħetx tmur il-Marokk biex tgħix hemm peress li kellha ħafna inkwiet, għalkemm jiena qatt ma staqsejtha x'kien dan l-inkwiet.'

'Jien bħal kont drajtha lilha u għalhekk iddeċidejt li nagħmlilha pjaċir billi niżżewwigha u b'hekk ikollha pajjiż u post fejn toqgħod. Ngħid hekk, għax għaliha xorta miżżewweġ u miniex. Inveċe dwar il-ħsieb li wassal għal dan iż-żwieġ l-attriċi kellha dan xi tgħid 'Nikkonferma li jien u Fortunato qatt ma tkellimna dwar żwieġ, fl-okkażżjonijiet qosra li qattajna flimkien. Kieku ma kienx għall-fatt li jiena kont ser nispiċċa mingħajr xogħol lanqas biss konna niżżewġu. Jien kelli problema u dehrli li biż-żwieġ stajt insolviha.'

Iz-żwieġ ta' konvenjenza jaqa' fl-ambitu tal-imsemmi artikolu 14(1) li jipprovdi 'jekk ir-registrazzjoni jew certifikat ta' naturalizzazzjoni kien miksub permezz ta' qerq, rapprezentanza falza jew il-habi ta' xi fatt

sostanzjali, il-Ministru jista’ b’ordni jippriva mic-cittadinanza tieghu Maltija kull cittadin ta’ Malta. Kwindi jista jinghad li, f’dan il-kaz, l-intimat Ministru kien qiegħed jimxi skond il-liġi meta ħareġ l-ordni ta’ privazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, stante illi ż-żwieġ tagħha kien gie kkwalifikat bħala żwieġ ta’ konvenjenza bis-sentenza tal-Qorti hawn fuq ċitata u li kien inkiseb b’rappreżentazzjonijiet foloz.

F’dan l-istadju ghandu jigi ezaminat jekk kienx hemm ksur tal-imsemmi artikolu 8 skond kif qed tallega r-rikorrenti. Is-sottomissjoni tal-intimati, f’dan ir-rigward, zbaljatament hi fis-sens li kwistjonijiet ta’ ċittadinanza semmai mhumiex drittijiet li jemanaw mill-Konvenzjoni Europea u konsegwentement l-artikolu 8 mhux applikabbli. Pero’, in vista ta’ ġurisprudenza riċenti, dan l-argument tal-intimat għandu jiġi skartat. Infatti fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta’ Mejju 2012 fil-kawza fl-ismijiet “Tarek Mohamed Ibrahim vs Vici Prim Ministru u Ministru Ghall-Gustizzja u l-Intern et” irritenit – “Ghalhekk l-artikolu 8 ma jistax jigi eskluz a priori minhabba r-raguni biss li d-dritt ghac-cittadinanza mhux wiehed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni, imma kellu jigi mistharreg mill-Qorti jekk kienx hemm, fil-kaz in ezami, arbitrarjeta` fit-tnehhija tac-cittadinanza.”

Kwindi din il-Qorti ghandha taghmel ezami jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienx hemm arbitrarjeta` fil-hrug tal-ordni ta’ tnehhija tac-cittadinanza tar-rikorrenti u konsegwentement jekk possibilment kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

B’referenza għall-insemmija sentenza tal-annulament taz-zwieġ tar-rikorrenti, datata 20 ta’ Ottubru 2000, esebita a fol 32 tal-Proċess, dik il-Qorti kienet ikkonkludiet illi iz-zwieġ tar-rikorrenti ma kienx affattu żwieġ validu. Dik il-Qorti waslet għall-isemmija konklużjoni wara li semgħet lir-rikorrenti u anke lil żewġha jixhdu dwar x’kienet ir-raguni ghala zżewwġu. Ir-raġel tar-rikorrenti xehed illi huma iżżewwġu sabiex ir-rikorrenti ikollha post fejn toqgħod. Huwa xehed illi ried jagħmlilha pjaċir billi jiżżewwigha u b’hekk ikollha pajjiż u post fejn toqgħod. Da parti tagħha ir-rikorrenti kienet xehdet illi hija iżewwġet biss għal fatt illi kienet ser tispiċċa mingħajr xogħol.

Kwindi, in vista ta’ dak kollu li gie premess u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma tirrizulta ebda arbitrarjeta` fl-ordni ta’ tnehhija tac-cittadinanza fir-rigwatd tar-rikorrenti. Din l-ordni inħarġet skond il-liġi u kwindi lanqas ma jirrizulta ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

F’dan l-istadju ser jigi ezaminat jekk kienx hemm ksur tal-imsemmi artikolu 3 tar-Raba Protokoll tal-istess Konvenzjoni in kwestjoni. F’dan ir-rigward l-intimati jissottomettu li dan l-artikolu mhux applikabbli

stante illi t-tneħħija ta' ċittadinanza ma ġġibx magħha t-tkeccija tar-rikorrenti mill-pajjiz b'mod awtomatiku. Infatti l-intimati jargumentaw li r-rikorrent tista' tibqa' f'pajjizna anke jekk tigi pprivata mic-cittadinanza Maltija u fil-kaz li tinghata permess ta' residenza.

Dan l-argument ghal din il-Qorti hu skorrett stante li irrizulta li r-rikorrenti qiegħda f'Malta peress illi kienet giet koncessa lilha ċ-ċittadinanza skond il-liġi nostrana. Inoltre dan l-istess argument hu bbazat fuq varji presupposti li, in effett, jistghu ma javverawx ruhhom. Effettivament, pero', kif diġa rilevat, jirrizulta indubbjament li dik iċ-ċittadinanza kienet giet koncessa lir-rikorrenti bi ksur tal-artikolu 14(1) tal-Kap 188.

Kwindi, hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-kaz in ezami, bazikament ma jikkoncernax tkeccija, izda jikkoncerna z-zamma tal-ordni pubbliku. Ghalhekk jirrizulta li l-Ministru intimat mexa skond il-ligi u speċifikament ma dak li jipprovdi l-Artikolu 14 tal-Kap 188 l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija fejn jinghad illi jekk il-Ministru jkun sodisfatt illi r-registrazzjoni ttiehdet bi frodi jew b'rapprezentazzjoni ta' fatti foloz jew ta' habi ta' fatt materjali jista' jikkancella tali cittadinanza.

Inoltre kien hemm fil-konfront tar-rikorrenti decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Ottubru 2000 li ddikjarat iz-zwieg bejn ir-rikorrenti u Fortunato Mangion bhala wiehed null u bla effett legali wara li rrizulta li l-unika raguni ghala r-rikorrent izzewwget kien sabiex tkun tista' tibqa' Malta biex tahdem.

Kwindi, in vista ta' dak kollu premess din il-Qorti ma ssib ebda vjolazzjoni tal-artikolu 3 tar-raba protokoll stante illi lir-rikorrenti tneħħietilha ċ-ċittadinanza għab-bażi taz-zamma tal-ordni pubbliku.

Inoltre fir-rikors promotorju taghha r-rikorrenti tissolleva varji punti oħra. Difatti r-rikorrenti, fost affarijiet ohra, ssostni li ġiet irreġistrata bħala ċittadina Maltija fit-12 ta' April 1996. Minn naha taghhom l-intimati ma jaqblux ma dan il-fatt. Infatti skond l-intimati r-rikorrenti kienet ġiet irreġistrata bħala ċittadina fl-24 ta' Lulju 1996. Id-dokument JM3 (fol.30) hu c-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija tar-rikorrenti fejn hemm specifikat li ċ-ċittadinanza ingħatat fit-24 ta' Lulju 1996, cioe' skond kif isostnu l-intimati.

Inoltre jigi rilevat li l-artikolu 26(1) tal-imsemmi Att dwar ic-Cittadinanza li kien in vigore meta r-rikorrenti applikat għar-reġistrazzjoni kien jgħid illi persuna mhux ċittadina Maltija li tiżżewweġ ċittadin Malti kellha d-dritt wara li tapplika u tieħu l-ġurament ta' lealta li tiġi reġistrata bħala ċittadin ta' Malta. Imbagħad l-artikolu 26(2) ikompli billi jipprovdi li tali reġistrazzjoni setgħet issir biss jekk il-Ministru jkun sodisfatt li l-għoti

taċ-ċittadinanza ma jmurx kontra l-interess pubbliku u li fid-data tal-applikazzjoni dik il-persuna tkun għadha miżewwġa ċittadin Malti. Ghalhekk ir-reġistrazzjoni setgħet issir biss wara li li jigu sodisfatti l-imsemmija rekwiżiti skond kif stipulati fl-imsemmi artikolu 26(2).

Barra minn hekk fl-affidavit tax-xhud Joseph Mizzi, Direttur fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriate Affaiers, gie kkonfermat li r-rikorrenti ġiet irreġistrata bħala ċitadin Malti b'effett mill-2 ta' Lulju 1996. (fol 24).

Sottomissjoni ohra tar-rikorrenti hi fis-sens li ser tispiċċa bla stat ta' appartenenza ('stateless') fil-kaz li tkun sokkombenti f'dawn il-proceduri u b'hekk tigi pprivata definitivament mic-cittadinanza Maltija. Ir-rikorrenti tkompli ssostni li hi in effett gia' tifet ic-cittadinanza Marokkina stante li kienet irrinunzjat ghaliha meta saret cittadina ta' dawn il-Gzejjer.

In effett fiż-żmien meta r-rikorrenti ġiet reġistrata bħala ċittadina ta' Malta, kien hemm il-bżonn li tirrinunzja għaċ-ċittadinanza Marokkina. Skond id-dokument CEA3 (fol.75), liema dokument hu traduzzjoni mill-lingwa Franċiża għal dik Ingliża tal-liġi tal-Marokk dwar it-telf ta' ċittadinanza Marokkina. Ċittadin tal-Marokk li volontarjament jikseb iċ-ċittadinanza ta' pajjiż ieħor jista jirrinunzja għaċ-ċittadinanza Marokkina b'digriet moghti mill-Awtoritajiet kompetenti f'dak il-pajjiz. Jirriżulta illi ċittadin tal-Marokk irid japplika biex jirrinunzja għaċ-ċittadinanza Marokkina. Tali applikazzjoni tista' tigi ukoll michuda.

L-intimati, korrettament, josservaw li bil-liġi Marokkina, it-telf ta' ċittadinanza tal-Marokk mhux xi ħaġa awtomatika iżda jeħtieġ li jkun hemm l-akkwist ta' ċittadinanza ohra barranija. L-applikazzjoni kif ukoll ir-rinunzja formali relattiva li tiġi awtorizzata permezz ta' ordni f'dan is-sens. F'dan ir-eigward ir-rikorrenti naqset milli tipprova li fil-kaz taghha kienet inharget tali ordni fl-imsemmi sens cioe' li hi kienet ġiet awtorizzata bex tirrinunzja ghac-cittadinanza Marokkina. Kwindi hu impossibbli li jigi stabbilit li effettivament ir-rikorrenti tilfet iċ-ċittadinanza Marokkina.

In oltre l-kompitu ta' din il-Qorti mhux li tara jekk ir-rikorrenti għandhiex xi ċittadinanza ohra, izda l-kompitu taghhha hu, billi qed tagixxi fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali, li tara jekk hemmx vjolazzjoni tal-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem indikati mir-rikorrenti bl-ordni ta' privazzjoni maħruġa fil-konfront taghha.

Inoltre r-rikorrenti tissottometti ukoll illi l-MInistru kellu żmien sentejn biex jibda l-azzjoni tal-privazzjoni taċ-ċittadinanza. Ir-rikorrenti, hawnhekk, hi skorretta stante li fil-kaz ta' ordni ta' privazzjoni ta' ċittadinanza ma jidhirx li hemm provdut ghal xi preskrizzjoni.

Inoltre r-rikorrentiu titkellem ukoll, fir-rikors promotur taghha, dwar li hemm ukoll vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni. Dan l-artikolu jitkellem dwar smiegh xieraq. Inoltre, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, ir-rikorrenti tispecifika li tikontendi li hi ma nghatatx smiegħ xieraq  quddiem il-Kumitat ta' Inkjesta ta' privazzjoni ta' ċitadinanza. Minn naha taghhom l-intimati, f'dan ir-rigward, isostnu li l-artikolu tal-Konvenzjoni in kwestjoni mhux applikabbli stante illi ċ-ċittadinanza mhux dritt jew obbligu ċivili protett mill-Konvenzjoni Ewropea, iżda hu dritt pubbliku. Inoltre, l-intimati jissopttomettu li l-Kumitat tal-Inkjesta in kwestjoni m'ghandux jitqies li hu Qorti u lanqas li hu awtorita' ġudizzjarja mwaqqfa b'liġi.

Dwar il-kumitati ta' inkjesta l-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Frar, 2012 (Appell Civili numru. 46/2007/1) fil-kawża bl-ismijiet 'Mustefa Mustefa Al Muhamad vs Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni et' irriteniet li - 'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jgħodd kull meta xi ħadd ikun akkuzat b'reat kriminali jew fi proċeduri għad-deċizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jgħodd biss f'kaz ta' deċizjoni tad-drittijiet ċivili u obbligazzjonijiet, jew fil-kaz ta' xi akkuza kriminali…. Għalhekk id-deċizjoni tal-kumitat ta' inkjesta ma hijiex "determinanti" għad-drittijiet tal-attur u, għal din ir-raġuni, il-kaz ma jaqax taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-art. 6 tal-Konvenzjoni.'

Ghalhekk anke din is-sottomissjoni tar-rikorrenti ma tistax tigi akkolta, stante li ċ-ċittadinanza ma hijiex "dritt ċivili" għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li fuqu qed tistrieħ ir-rikorrenti.

Inoltre fil-kawza fl-ismijiet "Abera Woldo Hiwot et vs Professur Dr. Henry Frendo et" deciza fit-18 ta' Novembru 2004 jinghad li "hija gurisprudenza stabbilita illi l-proceduri dwar tkeccija ta' min mhuwiex cittadin tal-pajjiz ma humiex proceduri li fihom tinghata decizjoni dwar drittijiet civili, u ghalhekk ma jintlaqtux mill-provvedimenti dwar smigh xieraq."

Inoltre l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-kaz ta' "Mamatkulov u Abdurasulovic kontra t-Turkija" fejn il-Qorti qalet – "The court reiterates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (Maaouia v. France [GC], no.

39652/98, § 40, ECHR 2000-X). «2. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case.”

Kwindi ma għandhiex raġun ir-rikorrenti tgħid illi s-smiegħ mill-Bord tal-Inkjesta jivvjola l-artikolu 6 għaliex bid-deċiżjoni ta’ dak il-bord, ma gewx determinati d-drittijiet ċivili tar-rikorrenti skond it-tifsira tal-istess Artikolu 6. Konsegwentament l-artikolu 6 lanqas biss japplika

Fir-rigward tal-osservazzjoni li tagħmel ir-rikorrenti illi ċittadinanza tingħata għal dejjem, ma jistax ma jiġix osservat illi dan l-argument ma jreggix għaliex li kieku dan kien il-każ, ma kienx ikun hemm il-bżonn illi il-liġi innifisha tipprovdi għall-privazzjoni.

Fir-rigward tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni illi gie ukoll citat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, ghandu jingħad li l-imsemmi artikolu jipprovdi li – “t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f ’din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.’

Illum il-gurnata jidher li huwa stabilit li filwaqt li mhux kull trattament differenti jew kull differenza tnissel kaz ta’ diskriminazzjoni u ghalhekk il-Qorti Ewropea, f’sentenza datata 12 ta’ Frar 2008 fil-kawza fl-ismijiet Kafkaris vs Cipru (Applik. Nru. 21906/04) § 161 intqal – “a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has ‘no objective and reasonable justification,’ in other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the  nterests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention’s requirements rests with the Court.”

“Diskriminazzjoni” taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni tfisser trattament differenti fit-tgawdija tad-drittijiet imħarsa mill-istess Konvenzjoni “għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni

politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew status ieħor.” Infatti fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma jistax jinghad li tirrizulta xi forma ta’ diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti stante li ma jirrizultx li qed jigi riservat ghaliha trattament differenti minn haddiehor li jstgu jkunu fil-posizzjoni tagħha. L-imsemmi Kapitolu 188 huwa liġi li tolqot lil dawk iċ-ċittadini ta’ Malta illi kisbu iċ-ċittadinanza tagħhom b’reġistrazzjoni jew b’ċertifikat ta’ naturalizzazzjoni. Dawn iċ-ċittadini huma milquta bl-istess mod bil-liġi u kwindi ma tirriżulta ebda diskriminazzjoni.

In vista ta’ dak kollu premess ghandha tigi akkolta l-eccezzjoni preliminari tal-intimati u konsegwentement l-intimat Avukat Generali ghndu jigi liberst mill-osservanza tal-gudizzju. Inoltre l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Ministru ghal-Affarijiet Barranin jimmeritaw i jigu akkolti. Konsegwentement it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedoti fir-rikors promotur jimmeriaw li jigi rigettti.

Ghal dawn il-motivi kollha :-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera mill-osservanza tal-gudizzju l-intimat Avukat Generali stante li mhux il-legittimu kontradittur fil-presenti proceduri u billi fit-tieni lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-intimat Ministru tal-Affarijiet Barranin u fit-tielet lok billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur taghha.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri jithallsu mir-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------